# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-15 ta’ Lulju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 413/2023 CL

**Miller Distributors Ltd (C344)**

**VERSUS**

**Roderick Saliba( 355077M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar it-8 ta’ Novembru 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ordnat jhallas is-somma ta’ erbat elef seba’ mija u disgha u ghoxrin euro u tmienja u disghin centezmu (€4,729.98) rapprezentanti bilanc ta’ merkanzija mibjugha bl-ingrossa u provduta mis-socjeta rikorrenti lil-konvenut, fuq il-kont kurrenti tal-konvenut stess, kif muri fl-istatement mmarkat Dok MD1. Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat tas-sekwestru prezentat kontestwalment mal-ittra ufficjali 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-21 ta’ Dicembru 2022 u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher hu, jew xi rapprezentant legali tieghu ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenut, kien fi stat ta’ kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tal-15 ta’ Mejju, 2024. Fl-istess udjenza, gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tal-konvenut. Dr. Mark Ellis ipprezenta *resolution* li permezz taghha hu kien nnominat bhala rapprezentant gudizzjarja tas-socjeta attrici, fejn ikkonferma li l-ammont kien ghadu kollu dovut. Fis-seduta ta’ wara, li kienet fil-5 ta’ Gunju 2024, il-konvenut msejjah ghas-subizzjoni ma deherx u lanqas ma deher xi ru b’hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi, “Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.”

Il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, “Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.”

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra’ d-dokumenti  u x-xhieda ta’ Dr. Mark Ellis u li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta’ tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas is-somma ta’ erbat elef seba’ mija u disgha u ghoxrin euro u tmienja u disghin centezmu (€4,729.98) bl-imghax legali mit-8 ta’ Novembru 2023, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenut. It-talba tal-spejjez marbuta mal-ittra ufficjali u l-mandat ta’ sekwestru ma tistax tintlaqa’ stante li ma gewxipprezentati kopji taghhom fl-atti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**